**FIL-QORTI CIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**L-ONOR. IMHALLEF ANTHONY VELLA**

**Seduta ta' nhar it-Tlieta 9 ta' Mejju 2023**

**Rikors nru : 101/2023 AGV**

**LB**

**v.**

**MC B**

**Il-Qorti;**

**Rat ir-RIKORS** ta' **LB** datat 23 ta' Frar 2023;

Jesponi bir-rispett **ILLI**:

1. Il-partijiet iżżewġu fl-1 ta' Awwissu tas-sena 1982, kif jirriżulta mic-ċertifikat taż-żwieġ hawn anness u mmarkat bħala **'Dok. A'**, u minn dan iż-żwieġ huma kellhom żewġt it-tfal, V u AB li twieldu fil-15 ta' Novembru tas-sena 1983 u fil-15 ta' Ottubru tas-sena 1986 rispettivament.

2. Il-partijiet ilhom legalment separati permezz ta' kuntratt ippublikat fl-atti tan-Nutar Dr. Mario Rosario Bonello mill-5 ta' Diċembru tas-sena 1994, li vera kopja tiegħu tinsab hawn annessa u mmarkata bħala **'Dok. B'**. Nonostante, il-partijiet ilhom separati *de facto* sa minn Frar tas-sena 1992.

3. Ma hemm ebda' prospett raġonevoli għal rikonċiljazzjoni bejn il-partijiet stante illi minbarra li ilhom għal dawn l-aħħar circa 30 sena mifrudin, illum huma għandhom ħajja totalment separata minn xulxin.

4. Anqas ma hemm pendenzi ta' manteniment, u l-att ta' separazzjoni qiegħed jiġi osservat fl-intier tiegħu.

5. Dawn il-fatti hawn fuq imsemmija jissodisfaw il-kundizzjonijiet kollha meħtieġa għall-ksib tad-divorzju skont l-Artikolu 66B tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta.

**Għaldaqstant, l-esponenti umilment jitlob lil din l-Onorabbli Qorti jogħġobha:-**

1. Tippronunzja l-ħall taż-żwieġ eżistenti bejn il-partijiet *ai termini* tal-Artikolu 66B tal-Kap.16 tal-Liġijiet ta' Malta;

2. Tordna lir-Reġistratur tal-Qrati sabiex fi żmien imħolli għal daqshekk mill-istess Qorti, javża lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi reġistrat fir-Reġistru Pubbliku.

**Rat ir-risposta ta' MCB datata 25 ta' April 2023;**

1. Illi hi mhux qed topponi ghat-talbiet tal-attur, kif kontenuti fir-rikors tieghu, izda li ma ghandhiex tbati l-ispejjez ta' dawn il-proceduri
2. Salv eccezzjonijiet ulterjuri fil-fatt u fid-dritt.

**DECIDE;**

Il-Qorti, tilqa' t-talbiet u tippronunzja l-hall taz-zwieg bejn il-partijiet **iccelebrat nhar l- 1 ta' Awwissu 1982.**

Tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex fi zmien ghaxart ijiem javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bil-hall taz-zwieg tal-partijiet, biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku.

Spejjez jibqghu bla taxxa.

Terminu tal-appell abbrevjat ghal gurnata.

**Onor. Anthony G. Vella**

**Imhallef**

**Cettina Gauci**

**Dep Reg**